MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1587/2003

**Seyba Aluminium Limited**

**vs**

**Joseph Mizzi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Awissu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170.00) rappresentanti ammont dovut ghall-merkanzija u servizzi provduti u konsenjati mis-socjeta` attrici lill-konvenut fuq struzzjonijiet tieghu, u ghalkemm debitament interpellat il-konvenut baqa' indampjenti;**
**Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Gunju, 2003.**

**Ra li fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003, deher il-konvenut li ddikjara li ghandu jaghti lis-socjeta` attrici qrib il-mitt lira Maltija.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Seychell ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal qed jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sebghin lira Maltija (Lm170.00) bl-imghax legali mis-26 ta' Awissu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tat-22 ta' Gunju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------